MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Numru 1405/2007

Il- Pulizija
(Spettur Ian J. Abdilla)

Vs

Josef Abela

Illum 1 ta’ April, 2008

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Josef Abela ta’ 29 sena, iben Martin u Doris nee` Brignioli, imwieled Pieta’ fit- 18 ta’ Marzu, 1978 u residenti fi Block C, Number 3, Triq it- Tarzna, l- Isla, detentur tal- karta ta’ l- identita bin- numru 159178M.

Akkuzat talli fil- perjodu ta’ bejn l- 1 ta’ Jannar, 2007 u l- 31 ta’ Marzu, 2007, f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda,

1. b’ mezzi kontra l- ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex iggighel titwemmen l- ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’ qerq ta’ aktar minn Lm1,000.00 (illum Euro 2329.37) ghad- dannu tal- kumpanija P. Cutajar Limited u xi persuni ohra (dan bi ksur ta’ l- Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta);
2. Appropja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal- persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil- kapacita` tieghu ta’ salesman taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jeww li jsir uzu specifikat u cioe` appropja ruhu minn flejjes migbura liema flejjes jammontaw ghas- somma ta’ aktar minn Lm1,000 (illum Euro 2329.37), liema flejjes jappartjenu lill- kumpanija P. Cutajar Limited u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib meighu l- obbligu tar- radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju (dan bi ksur ta’ l- Artikoli 293, 294 u 310 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta).

Il- Qorti giet ukoll mitluba biex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill- imputat ghal- hlas ta’ spejjez li jkollhom x’ jaqsmu mal- hatra ta’ esperti jew periti fil- proceduri hekk kif ikkontemplat fl- artikolu 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat li f’l-ewwel udjenza mizmuma minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet

migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 309, u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti kkunsidrat l-koperazzjoni ta' l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-ammont mehud mill-imputat, kif ukoll l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 309, u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' sentejn (2) liema perjodu, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta' erba' (4) snin.

In oltre b'applikazzjoni ta' artikolu 28H tal-Kap 9 il-Qorti qed tordna lill-hati biex jirrestitwixxi lill-parti offieza s-somma ta' hames telef u sebgha u disghin Euro u disgha u sebghin Euro centezmu (Euro 5097.79) fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta tieghu that l-artikolu 28H jekk ma jikkonformax ruhu ma' l-ordni ta' restituzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------